**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

**Illum 5 ta' Lulju, 2016**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Christabelle Chetcuti)**

**vs**

**Simon Desira**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Simon Desira detentur tal-karta tal-identita' Maltija 492496M, akkuzat talli nhar l-4 ta' Lulju, 2016 ghall-habta ta' 15:00hrs f' dawret it-Torri, Santa Lucija u/jew f' dawn il-Gzejjer

1. Filwaqt li kien qed jaghmel reat kontra s-sigurta tal-Gvern jew kontra l-persuna u cioe' Daniel Desmond Borg u Letizia Muscat (minbarra omicidju nvolontarju jew offiza nvolontarja fuq il-persuna) jew ta' serq jew hsara fil-

proprjeta' (minbarra hsara nvolontarja fil-propjeta') kellu fuq il-persuna tieghu xi arma regolari jew munizzjoni jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oggetti;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bl-imgieba tieghu kkaguna lil Daniel Desmond Borg u Letizia Muscat biza' li se tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-proprjeta' taghhom jew kontra l-persuna ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1) u hekk huwa jaf jew messu kien jaf li l-imgieba tieghu kkagunat lil haddiehor hekk biza';

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi minghajr ma darab jew sawwat, hedded b' gebel jew bi hwejjeg ohra, jew waddabhom, jew qabad armi ohra kontra Daniel Desmond Borg u Letizia Muscat;

4. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ingurja jew hedded lill-Daniel Desmond Borg u Letizia Muscat, jew jekk kien provokat, ingurja b' mod li hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni.

Il-Qorti giet ukoll gentilment mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tipprovdi ghas-sigurta ta' Daniel Desmond Borg u Letizia Muscat garanzija taht artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u kif ukoll tohrog ordni ta' protezzjoni sabiex tipprovdi ghas-sigurta tal-persuna offiza jew individwi ohra skond artikolu 412(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex thassar jew Tissospendi licenzja mahruga taht l-Att dwar l-armi (Kap 480) u Art. 30 tal-Kap 9 tipprojbixxi lil persuna milli jkollha xi licenzja taht dan l-Att ghal zmien hekk kif mahsub fl-

artikolu 57 tal-Kap 480 ta’ Ligijiet ta’ Malta jekk kemm –il darba il-persuna tinsab hatja ta’ reat taht dan l-Att.

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta’ nhar il-5 ta’ Lulju, 2016 ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b’ mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghet is-sottomissjonijiet finali mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta’ l-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m’ ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri, il-fatt li ghandu fedina penali nadifa kif ukoll il-fatt li l-arma kienet imitazzjoni.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 55 u 64 tal-Kap 480 kif ukoll l-Artikoli 251B(1), 339(1)(b) u (e), 17 u 21 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu

ammessi u tikkundannah sitt (6) xhur prigunerija li b' applikazzjoni tal-Art. 28 A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghal perjodu ta' tmintax (18) –il xahar millum u tordna l-konfiska ta' Dok CC7 favur il-Gvern ta' Malta.

B' applikazzjoni tal-Art. 30 tal-Kodici Kriminali u 57 tal-Kap. 480 il-Qorti qed tordna li l-imputat jigi skwalifikat milli jzomm arma tan-nar ghal zmien sitt (6) xhur.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 383 tal-Kodici Kriminali l-Qorti tpoggi lill-imputat taht obbligazzjoni personali ghal zmien ghal zmien tnax (12) –il xahar millum taht penali ta' hames mitt Ewro (€500) milli jimmolesta u jivvessa lil Letizia Muscat u Daniel Desmond Borg.

**MAGISTRAT**